




Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali tal-2017

Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur

www.ecdc.europa.eu

Dan is-sommarju joffri għażla ta' attivitajiet prinċipali mill-2017 iżda assolutament mhuwiex rappreżentazzjoni tal-firxa sħiħa tal-kisbiet tal-ECDC matul din is-sena. Ħarsa ddettaljata lejn il-firxa tal-attivitajiet tal-ECDC, l-istrutturi organizzattivi u amministrattivi tiegħu, u l-pjan ta' ħidma tiegħu jinstabu fil-verżjoni sħiħa tar-Rapport Annwali.

<https://ecdc.europa.eu/en/publications-data/annual-report-director-2017>

Referenza ssuġġerita:

Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali – 2017: Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur Stokkolma: ECDC; 2018.

ISBN 978-92-9498-211-7

ISSN 2529-6019

doi 10.2900/597427

Numru tal-katalgu TQ-AX-18-001-MT-N

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2018

L-istampi kollha © ECDC, ħlief SciencePhoto (qoxra u paġna 20, isfel lemin) u liċenzja tal-Attribuzzjoni Creative Commons Mhux Kummerċjali (CC BY-NC 4.0) permezz ta' utenti ta' Flickr: Martin Deutsch (paġna 2, fuq xellug), UNICEF (paġna 2, ċentru lemin), Ian Jacobs (paġna 4, isfel), Gabriel Jabur (paġna 8, fuq), Jesus Reyes (paġna 8, isfel), Nadine (paġna 10, fuq xellug), Adolfo Lujan (paġna 12, isfel), timquijano (paġna 14, fuq), Gvern ta' Alberta (paġna 14, isfel xellug), Haukeland universitetssjukehus (paġna 14, isfel lemin), Albaraa Mehdar (paġna 16, isfel xellug), CDC (paġna 16, isfel lemin), US AFBMP (paġna 20, fuq lemin), Dean Calma (paġna 22, fuq xellug).

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Ir-ritratti kollha użati f'din il-pubblikazzjoni huma koperti mid-dritt tal-awtur u ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħrajn għajr għal din il-pubblikazzjoni jekk mhux bil-permess espliċitu tad-detentur tad-dritt tal-awtur.

Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali tal-2017

Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur

Werrej

Daħla	3
Introduzzjoni	3
Il-monitoraġġ ta' mard infettiv madwar l-Ewropa.	5
Nipproteġu s-saħħa tal-Ewropa: programmi tal-mard tal-ECDC	6
Reżistenza għall-antimikrobiċi u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (ARHA)	7
Mard emerġenti u li jinġarr minn vettur (EVD).	9
Mard u żoonożi trażmessi mill-ikel u mill-ilma (FWD)	11
HIV, infezzjonijiet trażmessi sesswalment u epatite virali (HSH)	13
L-influwenza u virusijiet respiratorji oħrajn (IRV)	15
Tuberkulożi (TB).	17
Mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim (VPD)	19
Komunikazzjoni u taħriġ: it-tixrid tal-aħbarijiet, il-kondiviżjoni tal-għarfien	21
Noqogħdu attenti: viġilanza kontra l-mard.	23
L-ECDC f'numri	24





Daħla mill- President tal-Bord Maniġerjali

L-ewwel nett, nixtieq nifraħ lil Andrea Ammon għall-ħatra tagħha bħala d-Direttriċi l-Ġdida tal-ECDC. Hija ġiet eletta f'Marzu 2017, fi żmien meta kienet diġà mexxiet iċ-Ċentru bħala aġent direttriċi għal aktar minn sentejn. Il-ħatra tagħha tagħti lill-ECDC l-istabbiltà u t-tmexxija meħtieġa sabiex tiġi kkonsolidata l-ħidma taċ-Ċentru.

Fl-2017, it-tnejn kienet ta' prijorità għall-ECDC, speċjalment l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 1082/2013/UE dwar tneħħid transkonfinali serju għas-saħħa. L-ECDC ipproduċa diversi għodod sabiex titjeb il-ħila li jiġu mmaniġġjati emerġenzi f'dan il-qasam.

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim ukoll kienu fuq quddiem fil-lista ta' prijoritajiet: ir-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-Istati Membri qiegħda tiżdied, kif qiegħda tiżdied ukoll l-eżitazzjoni għat-tilqim madwar l-Ewropa.

Il-kontroll tal-mard jibqa' wieħed mill-aktar kompiti importanti tal-ECDC. Xi wħud mill-kisbiet impressjonanti taċ-Ċentru jinkludu tmienja u tletin valutazzjoni tar-riskju rapidi fuq tneħħid għid ta' mard, pjan direzzjonali għall-istrutturar mill-għid tas-sistemi ta' sorveljanza tal-mard taċ-Ċentru, u valutazzjoni komprensiva tal-laboratorji tal-mikrobijoloġija fl-Ewropa.

Minnhom infushom, skemi ta' valutazzjoni tal-kwalità esterni għal-laboratorji huma bosta; dawn jiżguraw li nkunu nistgħu nidentifikaw raggruppamenti ta' mard għid aktar malajr u nirrispondu għalihom aktar malajr. Il-feedback li rċiejna mill-Istati Membri juri li l-Ewropa tabilħaqq tinsab fit-triq it-tajba. Xi ftit mill-progress li sar fl-aħħar ftit snin jista' jiġi attribwit ukoll għall-isforzi bla heda tal-ECDC biex jappoġġja lill-Istati Membri fl-aspetti kollha tas-saħħa pubblika.

Daniel Reynders

President tal-Bord Maniġerjali tal-ECDC

24 ta' Frar 2018

Fuq xellug: Titlu ta' artiklu ta' gazzetta tar-Renju Unit dwar tifqigħa tal-ħosba

Fuq ċentru: EPIET huwa l-fergħa tal-Programm ta' Boroż ta' studju tal-ECDC li jiffoka fuq epidemjoloġija ta' intervent

Fuq lemin: Membri tal-persunal tal-ECDC waqt konferenza b'telefonata mad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

Ċentru lemin: Vaċċini maħżuna lesti għad-distribuzzjoni

Taħt: Posters elettroniċi fil-konferenza ESCAIDE tal-ECDC fi Stokkolma



Introduzzjoni mid- Direttur

L-2017 ma kinitx sena kkaratterizzata minn tifqigħat eċċessivi, iżda żewġ tneħħidiet serji għas-saħħa pubblika żammewna impenjati:

- Għal bosta snin, l-ECDC ippromwova l-użu prudenti tal-antibijotiċi, speċjalment fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa. L-ECDC jappoġġja ħafna l-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea "Saħħa Waħda", li jidher bħala sforz kollaborattiv sabiex tinkiseb l-aħjar saħħa għall-persuni, l-annimali u l-ambjent.
- Eżitazzjoni għat-tilqim fl-Ewropa: Hemm evidenza kbira ħafna li l-vaċċini jaħdmu – madankollu bosta ġenituri mhumliex jagħtu l-immunizzazzjonijiet lit-tfal tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-fatt li n-nuqqas ta' tlaqqim fit-tfal huwa l-akbar riskju. Diversi tifqigħat tal-ħosba fl-2017 urew li l-kopertura tat-tilqim madwar l-UE għadha tabilħaqq baxxa wisq.

Fl-2017, iċ-Ċentru risponda għal 59 talba xjentifika mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri; fuq is-sit web iddiżinjat mill-għid tagħna ġew ippubblikati aktar minn 200 dokument.

Wara bosta xhur ta' ħidma ta' tnejn, ġie ffinalizzat il-pjan direzzjonali għal strutturar mill-għid tas-sistema ta' sorveljanza tagħna. Il-kollaborazzjoni mas-sħab tagħna fis-settur tas-saħħa pubblika ssaħħet, inkluż il-kollaborazzjoni strateġika mal-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa.

2017 immarkat l-aħħar sena sħiħa fil-kwartieri ġenerali antiki tagħna, bini ta' skola kkonvertit mill-1888. Il-bini l-għid tagħna fil-viceinat ta' Solna-Frösunda ser ikollu l-amenitajiet tekniċi u faċilitattivi kollha ta' bini ta' uffiċċju modern. Aħna konvinti li kemm il-persunal tagħna kif ukoll il-viżitaturi tagħna ser igawdu minn dak li għandu x'joffri l-bini l-għid tal-ECDC u li d-dar il-għid tagħna ser trawwem atmosfera ta' kooperazzjoni u produttività.

Andrea Ammon

Direttriċi tal-ECDC

29 ta' Marzu 2018



Il-monitoraġġ ta' mard infettiv madwar l-Ewropa

Stabbilit fl-2005 u bbażat fi Stokkolma, fl-lżvezja, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) huwa parti minn netwerk ta' aġenziji tal-UE. Dawn l-aġenziji jwettqu kompiti tekniċi u xjentifiċi li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-UE jimplementaw politiki u jieħdu deċiżjonijiet. Peress li dawn huma korpi deċentralizzati, l-aġenziji tal-UE jinsabu kważi fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Sorveljanza tal-mard

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-ECDC ikopri sorveljanza tal-mard għal aktar minn 50 marda infettiva, li jvarjaw minn AIDS/HIV għal mard zoonotiku rari. Aħna nipprovvu wkoll tilqim, nidentifikaw imġiba li tkun ta' ħsara għas-saħħa, niżguraw il-kwalità fil-laboratorji madwar l-Ewropa, inħarrġu lil epidemjoloġisti tas-saħħa pubblika minn madwar l-Ewropa kollha, u nedukaw u ninfurmaw lill-udjenzi tagħna dwar l-aspetti kollha tas-saħħa pubblika ta' mard infettiv.

Fl-aħħar tal-2017, l-ECDC kellu 263 membru tal-persunal permanenti jaħdem fuq is-sorveljanza tal-mard, l-identifikazzjoni tat-tifqigħat, il-pariri xjentifiċi, it-teknoloġija tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, u l-amministrazzjoni.

Approċċ Ewropew għas-sorveljanza tal-mard


L-ECDC jopera u jieħu ħsieb tliet sistemi għall-monitoraġġ ta' mard infettiv madwar l-Ewropa. Kull sistema hija mmirata lejn qasam wieħed ta' kontroll tal-mard: EWRS (identifikazzjoni tat-theddid, twissijiet tat-theddid), EPIS (informazzjoni dwar l-epidemiji), u TESSy (sorveljanza u statistika tal-mard).

Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni (EWRS) hija sistema kunfidenzjali li tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jikkondividu informazzjoni dwar avvenimenti tas-saħħa b'impatt potenzjali fil-livell tal-UE. EWRS tgħin ukoll biex tikkoordina miżuri ta' rispons biex tiġi protetta s-saħħa pubblika.

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Intelliġenza Epidemika (EPIS) hija pjattaforma ta' komunikazzjoni sigura bbażata fuq il-web li tippermetti skambju internazzjonali ta' informazzjoni epidemjoloġika.

Is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (TESSy) hija sistema ta' bażi tad-data għall-ġbir ta' data dwar il-mard. Il-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE regolarment jirrapportaw data dwar il-mard infettiv lil TESSy. Applikazzjonijiet tad-data jinkludu l-produzzjoni ta' rapporti ta' sorveljanza u l-Atlas ta' Sorveljanza online tal-Mard Infettiv tal-ECDC.

*Fuq xellug: Inlestu għall-edizzjoni tal-2017 ta' ESCAIDE, il-konferenza internazzjonali tal-ECDC dwar l-epidemjoloġija
Fuq ċentru: Tomtebodaskolan, il-kwartieri ġenerali tal-ECDC sar-rebbieġha tal-2018
Fuq lemin: Bord fl-aqgħa ta' punti ċentrali nazzjonali, Stokkolma
Ċentru lemin: ESCAIDE 2017, Stokkolma
Taħt: Nemusa Aedes aegypti*



Niproteġu s-saħħa tal-Ewropa: programmi tal-mard tal-ECDC

Reżistenza għall-antimikrobiċi u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa ARHAI

Il-prevenzjoni u l-kontroll tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (jew ARHAI fil-qasir) għadhom kwistjoni importanti fil-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru, u għalhekk mhijiex sorpriża li l-lista twila ta' attivitajiet tal-Programm ħadet is-sena kollha. Lejn l-aħħar tas-sena, l-għaxar Jum Ewropew għall-Għarfien dwar l-Antibijotiċi, li ġie ċelebrat fit-18 ta' Novembru, laqqa' l-fuq minn 40 pajjiż f'avvenimenti u attivitajiet li jkopru bosta aspetti tar-reżistenza għall-antimikrobiċi.

L-ECDC kompli wkoll jaġixxi bħala kontributur ewlieni għat-Taskforce Trans-Atlantika dwar Reżistenza għall-Antimikrobiċi. TATFAR inħolqot fl-2009 biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea sabiex titnaqqas it-theddida ta' mikrobi reżistenti għall-anitbijotiċi.

*Fuq: ESCAIDE tlaqqa' epidemjoloġisti u mikrobijoloġisti, li bosta minnhom huma speċjalisti fir-reżistenza għall-antimikrobiċi
Isfel xellug: Infografika interattiva dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi prodotta minn ECDC u EFSA
Isfel lemin: Thejjiġa ta' dokumenti għall-10 Jum Ewropew għall-Għarfien dwar l-Antibijotiċi*

Żewġ attivitajiet oħra mxew fl-istess linja, iżda b'fokus f'tit differenti: il-pubblikazzjoni ta' dokument ta' gwida dwar Enterobacteriaceae reżistenti mmirat għal AMR f'ambjenti tal-kura tas-saħħa, waqt li t-tnedija ta' sorveljanza ta' tipizzazzjoni molekulari għal Enterobacteriaceae reżistenti għal karbapenem/kolistina enfasizzat l-aspetti dijanjostiċi ta' prevenzjoni u kontroll ta' AMR. Barra minn hekk, id-direttorju ta' riżorsi online għall-prevenzjoni ta' AMR u HAI kiber b'mod konsiderevoli.

Fl-2017, il-Programm żied data li nġabret għall-ewwel darba dwar infezzjonijiet fis-sit kirurġiku fil-bażi tad-data tiegħu dwar l-AMR. Is-settijiet tad-data kollha huma aċċessibbli online mill-Atlas ta' Sorveljanza ta' Mard Infettiv tal-ECDC.




Mard emerġenti u li jinġarr minn vettur: EVD

Tifqigħat ta' EVD spiss huma marbutin ma' kontroll inadegwat tan-nemus. Sabiex jizzied l-għarfien dwar din il-problema u tiġi pprovduta data dwar il-preżenza tan-nemus, it-tim tal-EVD tal-ECDC ippubblika għodda ta' mmudellar ġdida sabiex jitqabblu l-istrateġiji tal-kontroll tal-vettur għal deni tal-Punent tan-Nil fl-Ewropa. L-għodda hija kunċettwalment illinkjata mal-Atlas tal-ECDC għal każijiet ta' deni tal-Punent tan-Nil fl-Ewropa, li għadu wieħed mill-aktar subsiti popolari tal-ECDC. Fl-2017, l-ECDC żied każijiet ta' annimali mas-sorveljanza tiegħu tad-deni tal-Punent tan-Nil, billi uża data mis-Sistema ta' Notifika tal-Mard tal-Annimali (ADNS) tal-Kummissjoni Ewropea: iż-żwimel huma sentinelli għal esponiment fil-bniedem u jservu bħala eżempju ieħor tat-tendenza tal-paradigma ta' "One Health" (Saħħa Waħda).

It-tifqigħa kbira tal-virus Zika tal-2015 u tal-2016 baqgħet iżżomm lill-esperti tal-ECDC impenjati b'numru ta' attivitajiet ta' segwitu: ġew aġġornati żewġ valutazzjonijiet tar-riskju u, flimkien mal-WHO u s-CDC tal-Istati Uniti, iċ-Ċentru baqa' jaħdem fuq il-klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi ta' Zika għal parir fl-ivvjaġġar.

Flimkien mal-EFSA, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-ECDC baqa' jiġbor data dwar vetturi ta' artropod (insetti u dawk li jiġu mill-qrib) ta' mard tal-bniedem u tal-annimali. Definizzjoni tal-każ għal Lyme neuroborreliosis ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni Ewropea għal inklużjoni possibbli fil-lista ta' mard li jittieħed li huwa notifikabbli fil-livell tal-UE.

*Fuq: Larva ta' nemusa Aedes aegypti fi flixkun tal-ilma mormi
Taħt: Ritratt mill-qrib ta' larva ta' Aedes aegypti*



Listeria infections in the EU in 2016

There was a total of 2 536 reported listeriosis cases in 2016.



1 520

confirmed listeriosis cases with known age and outcome



62%

of cases were in people 65 or older



19%

of cases in people 65 or older were fatal

Listeria monocytogenes in food

4.9%

of ready-to-eat fish products were *L. monocytogenes* positive



2.6%

of ready-to-eat meat products were *L. monocytogenes* positive



0.7%

of cheese were *L. monocytogenes* positive



Source: European Union summary report on trends and sources of zoonoses, zoonotic agents and food-borne outbreaks in 2016, published by EFSA and ECDC in 2017. Data on case numbers come from the European Surveillance System (TESSy), data on food come from EFSA zoonoses database.

Mard u żoonożi trażmessi mill-ikel u mill-ilma: FWD

Il-fatt li EPIS-FWD (is-sistema ta' informazzjoni dwar l-intelliġenza epidemika tal-ECDC għal mard trażmess mill-ikel u mill-ilma) irċeviet 54 talba urġenti fl-2017 jindika r-rilevanza ta' din is-sistema madwar l-UE. "Talbiet urġenti" huma miftuħa għan-netwerk kollu tal-EPIS-FWD u jservu bħala għodda għal investigazzjoni dwar tifqigħa. Sabiex jiġdied il-livell ta' għarfien espert, l-esperti tal-FWD jistgħu jistiednu speċjalisti addizzjonali bħal esperti tas-sigurtà tal-ikel, veterinarji u esperti tal-ambjent. Dan jagħmel EPIS FWD għodda ideali biex tappoġġja l-għlied kontra mard trażmess mill-ikel.

L-ECDC żviluppa aktar il-proġett ELiTE, li jiffoka fuq l-epidemioloġija molekulari ta' listerjożi permezz tal-użu estiż ta' sekwenza ta' ġenoma sħiħa (WGS) u teknoloġiji oħra. Esperti minn sitt Stati Membri ġew mistiedna għal sessjoni ta' ħidma ta' analiżi ta' sekwenzar tal-ġenerazzjoni li jmiss dwar iżolati ta' *Listeria* għal investigazzjoni dwar tifqigħa.

Validazzjoni retrospettiva ta' sorveljanza mtejbja mill-WGS ta' listerjożi fl-Ewropa, abbażi ta' aktar minn 2 700 iżolat sekwenzjat bejn l-2010 u l-2016, stabbilixxiet sett ta' kriterji għall-valutazzjoni ta' avvenimenti f'bosta pajjiżi.

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) hija l-aġenzija Ewropea li timmonitorja riskji eżistenti u emerġenti assoċjati mal-katina alimentari. Il-kooperazzjoni tal-ECDC mal-EFSA hija essenzjali għas-saħħa pubblika Ewropea. Il-laqqgħa konġunta tal-aġenziji f'Parma f'Ottubru 2017 dwar tifqigħat ta' mard trażmess mill-ikel u l-approċċ One-Health (Saħħa Waħda) kienu sinjal ċar ta' importanza ta' sħubija u netwerking f'dan il-qasam tas-saħħa pubblika. ECDC–EFSA ppubblikaw ukoll ir-rapport annwali tagħhom dwar iż-żoonożi u l-AMR.

Flimkien ma' żewġ sħab ta' kooperazzjoni oħra – is-CDC tal-Istati Uniti u Saħħa Pubblika Kanada – iċ-Ċentru ppubblika artiklu xjentifiku* dwar standards sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà ta' data ta' WGS miġbura permezz ta' sorveljanza globali ta' mard trażmess mill-ikel.

Fl-2017, il-programm tal-ECDC ta' skambju ta' esperti ta' mard trażmess mill-ikel u mill-ilma laqa' tliet esperti li għamlu żjara fi Stokkolma.

*Fuq xellug: Theddid transkonfinali għas-saħħa jinkludi wkoll infezzjonijiet li jittieħdu abbord bastimenti tal-kruċiera
Lemin: Infografika tal-ECDC/EFSA dwar infezzjonijiet *Listeria*
Isfel xellug: Mudelli żgħira ta' analizzaturi awtomatizzati f'konferenza tal-mikrobijoloġija*

* Disponibbli minn: <https://www.eurosurveillance.org/content/10.2807/1560-7917.ES.2017.22.23.30544>

28 JULY
WORLD
HEPATITIS
DAY



ELIMINATE
HEPATITIS




HIV
AIDS



1 December is World AIDS Day

Reported HIV transmission modes
in the EU/EEA 2016

- Sex between men and women
- Sex between men
- Injecting drug use
- Other



Source: ECDC, WHO Regional Office for Europe
HIV/AIDS surveillance in Europe 2017 - latest data



HIV, infezzjonijiet trażmessi sesswalment u epatite virali: HSH

“Fast-track the end of AIDS in the EU – practical evidence-based interventions” (“Inħaffu t-tmiem tal-AIDS fl-UE – interventi prattiċi bbażati fuq l-evidenza”) kien l-isem ta’ konferenza f’Valletta, Malta, fl-2017. Il-konferenza kienet waħda minn bosta attivitajiet tal-Programm HSH tal-ECDC waqt il-presidenza Maltija. Fl-aħħar tas-sena, konferenza f’Tallinn, l-Estonja, qabdet is-suġġett, u għal darb’oħra, flimkien ma’ appoġġ xjentifiku tal-ECDC, iddiskutiet l-eliminazzjoni tal-HIV u tat-tuberkulożi fl-UE.

Bħala proġett pilota għall-proġett EPHEUS, saret evalwazzjoni estensiva tas-sistema ta’ sorveljanza tal-HIV. EPHEUS huwa mfassal biex isaħħaħ l-effiċjenza u l-utilità tas-saħħa pubblika ta’ sistemi ta’ sorveljanza fil-livell tal-UE. Il-pilota tal-ECDC ittestja sistema ta’ sorveljanza ġdida għal reżistenza għal mediċina kontra l-HIV u dalwaqt ser jespjora protokoll avanzat dwar it-twettiq ta’ studji ta’ seroprevalenza fil-popolazzjoni ġenerali.

EMCDDA, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, u l-ECDC ingħaqdu flimkien biex jagħmlu laqgħa ta’ netwerk dwar l-epatite. Il-laqgħa kkonċidiet mal-Jum Dinji tal-Epatite, li jiġi osservat fit-28 ta’ Lulju kull sena. Il-parteċipanti ddiskutew kif il-pajjiżi Ewropej jistgħu jtejbū s-sorveljanza tal-mard għall-epatite virali, jimmonitorjaw il-progress lejn l-eliminazzjoni

tal-epatite, u jirrispondu aħjar għall-epatite fost persuni li jinjettaw il-mediċini.

*Fuq xellug: Test tad-diżinn għal vidjo għall-Jum Dinji tal-Epatite
Fuq lemin: Strixxun online għall-Jum Dinji tal-AIDS
Ċentru lemin: Grafika online tal-ECDC dwar infezzjonijiet tal-HIV/AIDS
Taħt: Kampanja għall-kura tal-epatite Ċ f’Madrid, Spanja*

L-influwenza u virusijiet respiratorji oħrajn: IRV

Minkejja l-iskeda ta' pubblikazzjoni regolari kull ġimgħa tiegħu, Flu News Europe huwa aktar minn sempliċiment bullettin tas-saħħa pubblika ta' rutina: ippubblikat b'mod konġunt mill-ECDC u mill-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għal-Ewropa, Flu News Europe huwa forum meħtieġ sew għal informazzjoni aġġornata dwar l-influwenza staġjonali.


Fl-2017, il-kooperazzjoni tal-ECDC mal-WHO f'dan il-qasam inkludiet ukoll ħidma teknika dwar virusijiet sinsitiċi respiratorji, stima tal-piż tal-marda kkawżat mill-influwenza, u l-proċess ta' għażla ta' razez għall-vaċċini tal-influwenza.


I-MOVE: Wara l-akronima memorabbli (influwenza – monitoraġġ tal-effikaċja tal-vaċċini fl-Ewropa) hemm netwerk vast ta' istituti tas-saħħa pubblika fi 17-il Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE li jimmonitorjaw l-effikaċja tal-vaċċin tal-influwenza staġjonali madwar l-Ewropa. L-ECDC ikompi jipprovdi finanzjament għan-netwerk.

Kemm huma effettivi l-antivirali (inibituri ta' neuraminidase) fil-prevenzjoni u l-kura tal-influwenza? F'opinjonijiet esperti, l-ECDC ippreżenta għażliet dwar l-użu ta' aġenti antivirali għall-kura u l-profilassi tal-influwenza staġjonali.

L-EFSA, l-awtorità tal-Ewropa dwar is-sigurtà fl-ikel, ikkollaborat mal-ECDC dwar il-produzzjoni ta' rapport ta' valutazzjoni ġdid dwar l-influwenza avjarja: “Avian influenza overview” (“Ħarsa ġenerali lejn l-influwenza avjarja”). Ir-rapport ser jiġi aġġornat erba' darbiet fis-sena.

*Fuq: Razzett tat-tiġieġ f'Guangxi Province, iċ-Ċina
Taħt: Vaċċini tal-influwenza
Lemin: Mappa ta' sorveljanza tal-influwenza ta' kull ġimgħa*





Tuberkulożi: TB

Kull sena fl-24 ta' Marzu, il-komunità tas-saħħa pubblika tosserva l-Jum Dinji tat-TB. Ir-rapport annwali tat-TB tal-ECDC, li jiġi ppubblikat b'mod konġunt mal-WHO, irċieva ammont raġonevoli ta' attenzjoni fil-midja u ssemma' ħafna fil-jiem u l-ġimgħat wara l-Jum Dinji tat-TB.

“United to end TB” (“Magħqudin biex tinqered it-TB”): Il-Programm tat-TB wasal għand diversi Stati Membri b'offerti ta' taħriġ imfassla, pereżempju kors ta' taħriġ dwar “TB in vulnerable populations” (“TB f'popolazzjonijiet vulnerabbli”) fil-Bulgarija. Il-Programm organizza wkoll żjara ta' skambju (“From hospital to ambulatory care” (“Minn kura fl-isptar sa fl-ambulanza”)) fil-Finlandja għal esperti tat-TB mill-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, u r-Rumanija.

Is-sorveljanza tat-TB għad għandha prijetà għolja fl-aġenda taċ-Ċentru: L-ECDC jappoġġja kemm in-netwerk ta' sorveljanza tal-marda tat-TB kif ukoll in-netwerk tal-laboratorji ta' referenza tat-TB. Iċ-Ċentru jikkordina wkoll valutazzjonijiet tal-kwalità esterni (EQAs) għal laboratorji tat-TB. Bħala parti mill-iskema EQA, il-laboratorji kollha li jipparteċipaw jirċievu rapporti individwali tar-riżultati tat-test tal-EQA tagħhom. Ir-riżultati tal-EQA jiġu ppubblikati f'format anonimu iżda jagħtu indikazzjoni ċara dwar




jekk il-laboratorji ta' referenza tal-Ewropa kollha jistgħux jipprovdu dijanjostika adegwata għaċ-ċittadini tal-Ewropa.

L-ECDC ikkontribwixxa għall-ewwel konferenza ministerjali tal-WHO dwar it-tuberkulożi f'Novembru 2017 f'Moska: “Ending TB in the sustainable development era: a multisectoral response” (“Neqirdu t-TB fl-era tal-iżvilupp sostenibbli: rispons multisettorjali”). Fl-aħħar tal-konferenza, 75 ministru tas-saħħa ffirmaw id-dikjarazzjoni ta' Moska biex jeqirdu t-tuberkulożi.

*Fuq: Id-direttriċi Andrea Ammon f'avveniment dwar it-TB fi Brussell
Isfel xellug: Il-medium Loewenstein-Jensen huwa medium ta' tkabbir li jintuża għall-kultura ta' tuberkulożi Mycobacterium
Isfel lemin: Batterji tat-tuberkulożi Mycobacterium*

Measles affects all age groups

Measles is an acute, highly contagious disease capable of creating epidemics. It can be contracted at any age. Vaccination is the best way to protect yourself and others against measles, regardless of age. Check your vaccination status.



Mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim: VPD

Dak li jidher bħala sorveljanza ta' mard ta' rutina huwa fil-fatt parti kruċjali tal-prevenzjoni tal-mard: monitoraġġ konsistenti tal-ħosba u rapporti regolari tal-ħosba huma elementi essenzjali fil-ġlieda kontra l-eradikazzjoni tal-ħosba. Ir-rapporti tal-ECDC dwar il-ħosba jipprovdut "data għal azzjoni" biex jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-għanijiet ta' eliminazzjoni deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tilqim Ewropew tal-WHO 2014–2020.

F'April 2017, l-ECDC ippubblika rapport komprensiv dwar sistemi ta' informazzjoni ta' immunizzazzjoni elettronika fl-UE. Dan ir-rapport huwa għodda prinċipali għat-tisħiħ tal-prestazzjoni ta' programmi ta' immunizzazzjoni.

Il-ħidma tal-ECDC dwar l-eżitazzjoni għat-tilqim fl-Ewropa ddominat din is-sena. Il-pubblikazzjonijiet kienu jinkludu katalgu ta' interventi sabiex tiġi indirizzata l-eżitazzjoni għat-tilqim, sett ta' għodod online għall-appoġġ ta' kampanji nazzjonali waqt il-Ġimgħa Ewropea għall-Immunizzazzjoni, u valutazzjoni tar-riskju rapida dwar tifqigħat ta' ħosba li għadhom għaddejjin.

Grupp konsultattiv tekniku li għadu kif ġie stabbilit laqqa' flimkien esperti tal-komunikazzjoni u l-immunizzazzjoni li żviluppaw strateġiji ta' komunikazzjoni dwar kif jiżdiedu r-rati ta' kopertura

tat-tilqim fl-Ewropa. L-ECDC organizza wkoll sessjoni ta' ħidma waqt il-Forum Ewropew dwar is-Saħħa tal-2017 f'Gastein dwar "Addressing vaccine hesitancy in the post-factual era" ("L-indirizzar tal-eżitazzjoni għat-tilqim fl-era postfattwali").

Online, l-Iskedatur tat-Tilqim tal-UE kompla jkun fost l-aktar karatteristiċi li żaruh nies fuq il-portal tal-web tal-ECDC, li għibed 52 000 utent u ġġenera 224 000 żjara fil-paġna.

*Fuq: Il-ħosba taffettwa lill-gruppi kollha ta' età, infografika tal-ECDC
Isfel xellug: Għandek ideat għal kampanja tat-tilqim? Ktieb ta' skeċċis ta' artist
Isfel lemin: Mikrograff ta' trażmissjoni ta' elettronika ta' virjoni (partikuli tal-virus) tal-virus Rubella, li joħorġu mill-wieċ ta' ċellola infettata (mhux viżibbli)*



Fuq xellug: Il-koorti tal-2017 tal-Programm ta' Boroż ta' studju tal-ECDC
 Fuq lemin: Platti Petri b'nemus Culex u Aedes
 Taħt: Ines Steffens, Kap Editur ta' Eurosurveillance, l'ESCAIDE 2017

Komunikazzjoni u taħriġ

It-tixrid tal-aħbarijiet, il-kondiviżjoni tal-għarfien

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-ECDC huma marbuta mill-qrib mal-programmi tal-mard tiegħu. L-edituri tal-ECDC jiżguraw li ċ-Ċentru jikkomunika f'vuċi waħda. L-edituri tal-web jieħdu ħsieb il-portals online tal-ECDC, waqt li t-tim tal-istampa jwieġeb mistoqsijiet mill-ġurnalisti, utenti tal-midja soċjali u l-pubbliku. Timijiet transsettorjali – xjenzjati, kittieba, edituri, disinjaturi grafiċi – jiżviluppaw kontenut bħal sett ta' għodod tal-kampanja, infografiki jew vidjos, waqt li jieħdu ħsieb kemm ix-xjenza kif ukoll il-viżwali. Żieda fil-preżenza fil-midja soċjali tenfasizza l-impenn tal-ECDC għal komunikazzjoni malajr u effettiva: iċ-Ċentru huwa attiv fuq Twitter u għandu preżenza fuq Facebook. Wieħed jista' jara l-vidjos fuq Vimeo u l-kanal tal-ECDC fuq YouTube.

L-2017 rat it-tnedija tal-portal tal-web tal-ECDC iddiżinjat mill-ġdid. Dan jipprovdi aċċess għall-aktar minn 200 pubblikazzjoni li ħarġet l-ECDC fl-2017 u jipprovdi aċċess għal minjiera ta' informazzjoni u data.

Sorveljanza tal-mard

Fl-2017, is-sit web tal-*Eurosurveillance* ħa dehra ġdida u issa jinkludi metrika fil-livell ta' artiklu, twissijiet

personalizzati, funzjoni ta' tiftix imtejba u traċċar ta' ċitazzjonijiet.

Eurosurveillance huwa wieħed mill-aħjar għaxar ġurnali dwar mard infettiv, b'fattur ta' impatt ta' 7.2, l-oġġla wieħed li qatt kellu. Fl-2017, il-ġurnal irċieva aktar minn 900 sottomissjoni; 230 oġġett ġew ippubblikati. *Eurosurveillance* kompli bl-involvement tiegħu fuq il-midja soċjali fuq Twitter u espanda l-attivitajiet tiegħu fuq LinkedIn. L-edituri tal-Ġurnali interaġixxew b'mod proattiv mal-udjenzi tagħhom permezz ta' preżentazzjonijiet f'konferenzi xjentifiċi u laqgħat.

Taħriġ

Id-dedikazzjoni tal-ECDC għat-tagħlim tul il-ħajja hija riflessa fil-Programm ta' Żvilupp Professionali Kontinwu ġdid tiegħu, li diġà pprova taħriġ lil kważi 400 parteċipant estern.

Il-Programm ta' Boroż ta' studju tal-ECDC, biż-żewġ taqsimiet tiegħu EPIET u EUPHEM, irrapporta 37 gradwat fl-2017.



Noqogħdu attenti: viġilanza kontra l-mard

Intelliġenza epidemika u rispons

Sa mill-bidu tiegħu, is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-mard kienu fil-qalba tal-mandat tal-ECDC. L-Ċentru jara s-sorveljanza tal-mard bħala kuntestwali u mhux bħala dixxiplina iżolata: iċ-Ċentru jista' juża l-potenzjal proprju tiegħu u jpoġġi lill-nnifsu f'pożizzjoni bħala forza mexxejja fil-protezzjoni tas-saħħa pubblika fl-Ewropa biss flimkien ma' funzjonijiet pubbliċi tas-saħħa oħrajn, bħall-parir xjentifiku, it-tnejn, ir-rispons, it-taħriġ u l-komunikazzjoni tas-saħħa.

In-numru ta' Valutazzjonijiet tar-Riskju Rapidi prodotti fl-2017 juri l-abbiltà tal-ECDC li jirrispondi malajr għal theddid epidemjoloġiku: fi 38 Valutazzjoni tar-Riskju Rapidi, l-ECDC ipprova informazzjoni tal-isfond prezzjuża u analizzat konċiżi tat-theddid. L-ECDC ippubblika wkoll 55 Aġġornament Epidemjoloġiku fuq is-sit web tiegħu, 22 minnhom dwar it-tifqigħat tal-ħosba fl-Ewropa.

L-ECDC implimenta l-metodoloġija u l-proċeduri għall-Valutazzjonijiet tar-Riskju Rapidi biex ikompli jtejjeb il-konsistenza tal-metodi u biex jiżgura l-involvement tal-Istati tal-UE/taż-ŻEE u ta' aġenziji internazzjonali.

Fl-2017, it-tifqigħat tal-virus Zika baqgħu tħassib. L-ECDC aġġorna regolarment il-mapep ta' trażmissjoni ta' Zika tiegħu fiż-żoni affettwati, abbażi ta' kategorizzazzjoni ta' profili epidemjoloġiċi ta' Zika li iċ-Ċentru żviluppa mal-WHO u mas-CDC tal-Istati Uniti. L-ECDC żviluppa wkoll bażi ta' għat-tipi differenti ta' virusijiet ta' influwenza.

L-ECDC immonitorja s-sitwazzjoni tad-deni isfar fil-Brażil u vvaluta r-riskju għall-vjaġġaturi.

S'issa, aktar minn 2 700 utent installaw l-applikazzjoni ta' Rapport ta' Theddida għal apparat portabbli u niżżlu total ta' 17 000 dokument tal-ECDC.


Fuq xellug: In-nemus larvali Aedes aegypti jinżamm fl-ilma qabel l-isterilizzazzjoni

Fuq lemin: Persuna li taqbad il-virus għal ġurnata: forma kbira f'ESCAIDE fi Stokkolma

Ċentru xellug: Preżentazzjoni f'ESCAIDE

Taħt: Laqgħa ta' punti ċentrali nazzjonali fi Stokkolma (tnejn u rispons, identifikazzjoni tat-theddid)

Baġit tal-ECDC għall-2017



Il-bini l-ġdida tal-ECDC
f'Solna, frames kilometri fit-
Tramuntana ta' Stokkolma.

L-ECDC f'numri

Kompożizzjoni tal-persunal tal-ECDC skont in-nazzjonalità



Fil-31 ta' Diċembru 2017, l-ECDC kellu total ta' 263 membru tal-persunal.

**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni
u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)**

Gustav III:s Boulevard 40
169 73 Solna, l-Iżvezja

Tel. +46 (0)8 58 60 10 00
Fax +46 (0)8 58 60 10 01
www.ecdc.europa.eu

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea
www.europa.eu

Abbona għall-pubblikazzjonijiet tagħna
www.ecdc.europa.eu/en/publications

Ikkuntattjana
publications@ecdc.europa.eu

🐦 Segwina fuq Twitter
[@ECDC_EU](https://twitter.com/ECDC_EU)

📘 Agħmel like fuq il-paġna ta' Facebook tagħna
www.facebook.com/ECDC.EU



Publications Office

ISBN 978-92-9498-211-7